**Kap: 4**

# M'HUWIEX B'IDEJH FUQ ZAQQU!

**Qed tarahom dawk l-ibliet? Dawk huma tieghi."**

**(Ix-xitan lil Gesu)**



**"Kunu meqjusa u ghassu.**
**L-ghadu taghkom, ix-xitan,**
**qisu ljun jghajjat, idur u jfittex 'l min se jibla'."**
**(1 Piet 5:8)**

Il-bniedem hu differenti mill-annimal ghal raguni semplici hafna: ghaliex hu problema. L-annimal, jew ahjar il-bhima, titwieled, tghix u tmut bla ma taf; ghalhekk qatt ma tista' tkun problema ghaliha. Imma l-bniedem le: kontinwament jistaqsi: jien min jien? ghaliex? kif? meta?

Alla lill-bniedem tah is-setgha fuq il-holqien, u dan jissara kemm jiflah biex jakkmu u tghaddi tieghu. Ix-xewqa li jkun izjed qawwi u jaghmel lilu nnifsu ahjar milli hu, thallih bla sabar, dejjem imxennaq u dejjem irid.

Dil-haga tnissel fih dieqa, biza', gheja, dghufija, mard u mewt.

Fil-bniedem, il-ferh u d-dulur, l-ikreh u s-sabih, il-mibeghda u l-imhabba, il-qawwa u d-dghufija, it-tajjeb u l-hazin, jitqabdu bejniethom. Il-bniedem ma jistax ma jkunx problema galadarba jhaddan fih il-materjali u l-ispiritwali, it-temporali u l-etern. Hu sinjal ta' kontradizzjoni u dan jifirdu mill-holqien kollu (1).

Sa mill-qedem il-bniedem fittex li jaghti tifsir tad-deni li jinsab go fih u barra minnu. U wasal sahansitra li johtor id-deni "alla tieghu" (2). Wasal sahansitra biex joffri '1 uliedu bhala sagrificcju biex forsi dan alla ahdar u kattiv, jipplaka xi ftit u jhenn ghalih.

Inholqu matul is-sekli setet - bhalma huma l-Manikej u l-Albigizi - illi hasbu li tezisti glieda bejn it-tajjeb u l-hazin, daqslikieku dawn kienu zewg allat jiggieldu kontra xulxin, bl-imhatra min hu l-izjed qawwi. Dan jissejjah **dwalizmu,** li jfisser taqbida bejn tnejn, bhallikieku dawn huma zewg qawwiet indipendenti minn xulxin fi glieda bejniethom.

Il-Knisja kkundannat dan it-taghlim, minghajr ma cahdet il-fatt tat-taqbida.

Alla gharraf lil-Lhud il-gherq tal-hazen (3)

Il-bniedem hadha kontra Alla u hekk kollox ixxellef. U bdiet taqtiegha bejn Alla u x-xitan, u l-ghalqa tat-taqtiegha hu l-bniedem. Kemm Alla u kemm ix-xitan ma xtaqu xejn mill-holqien hlief il-bniedem u l-ksib tieghu.

## Storja demonizzata?

Is-sbuhija tal-bniedem tinsab fil-fatt illi l-istorja tieghu ma tinsabx taht destin, imma tinholoq mill-istess rieda u decizjoni tieghu. Hu ma jistenniex jigru madwaru l-avvenimenti, imma jimxi hu lejhom, permezz tad-decizjonijiet li jiehu. Jekk dawn jehodhom skond id-dawl t'Alla, allura jkun miexi fuq il-pjan li Alla holoq ghalih. Jekk jeskludi '1 Alla minn hajtu, allura x-xitan isib bieb miftuh biex imexxih hu lejn triq li teqirdu.

Imma nistghu nitkellmu tassew minn storja divina u storja demonizzata fil-bniedem? L-istorja tal-bniedem issir storja demonizzata meta l-bniedem jitlef l-ekwilibriju tieghu u jwarrab lil dak li halqu. Hawn jidhol ix-xitan fix-xena. Il-bniedem jidhol fis-servizz tieghu. Li dan jigri bil-kbir jew fic-cokon, fil-pubbliku jew fil-privat, ftit importa. Hu x'inhu, ix-xitan jidhol fl-istorja tal-bniedem (4).

Meta Alla jahlaq bniedem, hu jaghmel abbozz ta' dak li jixtiequ li jkun. Johloq pjan originali ghalih. U l-bniedem hu liberu li jimxi fuq dan il-pjan jew li jiskartah, naturalment bil-konsegwenzi relattivi. Jekk jimxi fuq il-pjan t'Alla, allura f'qalbu jkun hemm il-paci, minkejja s-sofferenzi. Jekk jaghzel li jiehu triq ohra, allura jkollu jhallas il-prezz ta' l-ghazla zbaljata tieghu. Dan ikun bosta drabi nuqqas ta' pact, ekwilibriju spiritwali u psikologiku, zbalji fl-azzjonijiet tieghu li jdahhluh f'kobba mhabbla.

U min jipprezentali din it-triq zbaljata?

Hu x-xitan, li hu wkoll johloq progett fuq dan il-bniedem. Progett kompletament divers minn dak t'Alla. Il-hidma principali tax-xitan hi dik li jiddistraji lill-bniedem mit-triq t'Alla. U jekk il-bniedem, kif gralha Eva, jitqarraq, allura johrog mill-istorja divina u jidhol fl-istorja demonizzata. Sakemm jibqa' mbieghed mit-triq li joffrilu Alla, hu jibqa' mahkum minn din l-istorja negattiva.

Naturalment, il-bniedem gie moghti l-liberta biex jaghmel ghazliet tajbin. Imma din il-liberta, wara d-dnub originali, giet imxellfa.

Irridu hawn noqoghdu attenti li ma nnezzghux lill-bniedem mir-responsabbilta tad-dnub u l-ghazliet tieghu. Veru: huwa bniedem dghajjef, imma jibqa' fil-kontroll ta' l-ghazla li jaghmel.

Huwa zball meta ahna, biex nenfatizzaw il-qawwa tax-xitan fuqna, naslu biex kwazi kwazi nghidu illi m'ahniex izjed responsabbli ta' l-azzjonijiet taghna. Dan huwa zbaljat.

Li ninsabu fi glieda kontinwa max-xitan, din hija realta (ara 1 Piet 5:8-9). Imma daqshekk iehor hija haga certa li r-rebha finali hija dik ta' Kristu, li fl-ahhar taz-zmenijiet jitfa' lix-xitan fl-abissi "ghall-etemita kollha" (Apok 20:10).

Jghid sewwa Stu Wistin: "Izjed ma tidher qawwija l-prezenza

tax-xitan quddiem ghajnejna, izjed u izjed ghandna ninghaqdu mal-Medjatur li permezz tieghu ahna nitilghu mill-qighan l-izjed baxxi ta' l-art ghall-gholi tas-smewwiet" (5).

### Taht Zewg Saltniet

Biex tiftihem ahjar il-glieda tax-xitan kontra l-bniedem, wiehed irid jifhem x'inhi s-Saltna ta' Kristu.

Ghax il-vera glieda tax-xitan hi kontra **din** is-Saltna.

Is-Saltna t'Alla, inawgurata minn Kristu fuq din l-art, mhix saltna temporali (ara Gw 18:36), imma hija saltna li tinsab fil-qalb tal-bniedem, li tbiddlu u taghmlu hiejqa gdida (ara Gw 3:5).
Ulied is-saltna jingharfu mill-ewwel, ghaliex l-azzjonijiet taghhom, il-valuri li jhaddmu, l-imgiba u l-komportament taghhom, kollox hu divers minn dak ta' ulied id-dinja (ara ara Mt.5:18).
Mela s-saltna mhix biss saltna interna fil-qalb tal-bniedem imma tohrog mill-qalb u ssir esterna fejn kulhadd ikun jista' jilmaghha fil-"fwieha" u "xhieda" u "mhabba" li juru dawk li huma "ulied is-Saltna".

Il-bniedem minn hawn stess jista' jibda jesperjenzaha u jduq il-frott taghha (ara Mt 10:7-13d) imma l-milja taghha tinkiseb meta s-saltna tirrealizza ruhha fis-shih mat-tieni migja **ta'** Gesu fostna (ara Mt 13:36-43).

Is-saltna li gie jhabbar hija s-saltna tal-helsien.

Mela mhix saltna li wiehed jaccettaha jekk irid, skond il-konvenjenza tieghu, imma hija s-soluzzjoni ta' hajtu.

Gesu jhabbar illi l-bniedem tilef il-hbiberija tieghu mal-missier u mhux kapaci wahdu jerga' jsewwiha (ara Gw 8:24). Il-bniedem huwa skjav tad-dnub (ara Gw 8:34) u issa jinsab taht il-hakma tal-princep ta' din id-dinja (ara Gw 12:31). Imma issa giet is-salvazzjoni ghall-bniedem permezz ta' Gesu Kristu (ara Gw 3:16-17). Huwa helsien li Gesu gie jgibu lil kulhadd (ara Lq 13:29). L-uniku mezz biex taccetta s-saltna hi li taccetta lil Gesu Kristu f'hajtek (ara Gw 14:6).

Quddiem din l-ahbar ta' helsien, ix-xitan, ghajjur u qarrieq, jipprezentalna saltna ohra, b'rizultat tal-mibeghda tieghu lejn Alla u lejn il-bniedem (ara

2 Piet 2:4). Is-saltna tax-xitan hija f'antagonizmu perfett mas-saltna t'Alla (ara Mt 12:25-28). Huma zewg saltniet li jinsabu hdejn xulxin (ara Mt 13:38). Satana ghandu interess li jiddistruggi s-saltna ta' Kristu fostna (ara Gw.12-31) Naturalment, ix-xitan jitrieghed quddiem Gesu u s-saltna tieghu, ghax jaf li Gesu hu qawwi izjed minnu (ara Mk 1:23-24).

**Ghaliex daqshekk mibeghda lejna?**

Ix-xitan joboghdna. **Minn dan ma niddubitawx.** Proprjament, il-gwerra **tieghu hija kontra Kristu. Imma fina hu** jara x-xbiha tieghu.

U joboghdna.

Mhix l-ewwel darba li ghamilt din il-mistoqsija: imma x-xitan lili ghaliex joboghdni daqshekk? Ghaliex majhallinix bi kwieti?

Ser naghti xi ragunijiet ghaliex ix-xitan joboghdna u allura jaghmlilna gwerra.

L-Ghira - ix-xitan jghir ghalina. Ma jiflahniex u ma jissaportiniex. Meta Alla halaq il-bniedem, halqu sabih, xbiha tieghu. U x-xitan gher ghall-bniedem. U kienet din l-ghira li holqot fih xewqa li jeqirdu.

"Ghax Alla halaq il-bniedem biex ma jmutx,

u ghamlu xbiha tieghu nnifsu.

Bl-ghira tax-xitan dahlet il-mewt fid-dinja;

ujafu **xi** tfisser dawk li huma tieghu" (Gher f 2:23-24).

Ir-Rabja - Ix-xitan ferah meta lill-bniedem irnexxielu jqarraq bih. Issa, midneb, tilef is-sbuhija li darba kellu. Imma Alla tant habb lid-dinja li baghat lil Ibnu stess biex isalva lill-bniedem. Min-naha l-wahda xtaq li Gesu ma jmurx lejn is-salib, ghax is-salib kien diga beda jbezzghu. Min-naha l-ohra xtaq jara l-falliment tieghu fuq is-salib. Beza' mis-salib... imma ha gost jarah imut fuqu. Ghalih dik kienet ghamla ta' rebha. Imma zgur li ma kienx qed jipprevedi kemm dak is-salib kellu jsir arma kontrieh. Dak li kellu jkun falliment ghal Kristu, issa jsir l-ikbar telfa ghax-xitan U dan iqabbad fih rabja kbira, rabja li jixtieq jitfaghha fuq kull iben is-saltna.

"Nghallmu l-gherf ta' Alla mohbi f'misteru,
li Alla fassal qabel iz-zmien ghall-glorja taghna.
Ebda wiehed mill-mexxejja ta' din id-dinja **ma gharfu;**
kieku gharfuh, qatt ma kien se jsallbu 'il-Mulej tal-glorja" (1 Kor 2:7-8).

Id-Disperazzjoni - Ix-xitan ma jafx il-futur. Jaf li **hu** mirbuh u li gurnata ghad jigi mwaddab definittivament fl-infern, minghajr il-possibilta li jkompli l-attivita micidjali tieghu.

U dan igib fih disperazzjoni kbira.

Hu ddisprat... ghaliex jaf li hu tellief.

U allura fid-disprament tieghu jipprova jizra' fost il-bnedmin konfuzjoni, terrur, glied, dwejjaq...

"Ghalhekk ifirhu smewwiet u intom li tghammru **fihom.** Haiin ghalikom, art u bahar, ghaxfikom niiel id-Demonju,
b'koria kbira fuqu, ghaxjafli ynienftit baqaghlu" (Apok 12:12).

Minn dan li ghedna wiehed jifhem malajr ghaliex ix-xitan ghandu daqshekk kontrina.

Jghid il-Katekizmu ta' Trento: "Il-fatt hu illi x-xjaten ghedewwa taghna, huma qawwijin u ta' min jibia' minnhom, ghandhom hegga li ma titfissirx, immexxijin minn mibeghda li ma titwemminx kontra taghna. Ghaldaqstant huma jiggieldu kontrinaminghajr waqfien" (6).

**Fiex tikkonsisti l-Glieda?**

Kull general fil-gwerra jkollu pjan x'irid jolqot u jirbah. Tajjeb li nikxfu l-pjan tax-xitan biex hekk inkunu nafu t-tattika li juza.

- Princep ta' din id-dinja - hekk isejjahlu Gesu. Princep mhux ghaliex huwa xi nobbli Jew ghax xi hadd tah xi kariga, imma ghaliex huwa dak li qed jidderiegi l-bniedem biex iwahhallu fmohhu li l-valuri tad-dinja huma dawk li jistghu jaghmluh ferhan. Qerq grass!
  "Nafu li ahna gejjin minn Alla u li d-dinja kollha qieghda taht idejn il-Hazin" (1 **Gw** 5:19).

- Setghan tad-dlamijiet - Hu dak li bil-lejl johrog jizra' s-sikrana f'ghalqa mimlija qamh (ara Mt 13:39). Gesu gie fostna biex jehlisna mis-setgha tad-dlamijiet (ara Kol 1:13).

  Mhix l-ewwel darba li biex iqarraq jinheba taht il-maskra ta' anglu tad-dawl (ara 2 Kor 11:14)

  L-ikbar dalma li jista' jgib fik hija meta jiddistrahilek harstek minn fuq Gesu, ibeghdek minnu u mir-rieda tieghu.

  Qarrieq... meta jigbdek lejn religjonijiet ohrajn jew setet, u lejn ereziji jew jikkonvincik li m'hemmx bzonn tal-Knisja f'hajtek.

- Qattiel u Giddieb - Hekk isejjahlu Gesu (ara Gw 8:44). Qattiel - ghax joqtol il-grazzja t'Alla fina. Giddieb - ghax jipprezentalna l-hazin bhala tajjeb.

- Halliel tal-Kelma t'Alla

"Iz-zierriegha hi l-Kelma t'Alla. Dawk ta' matui il-moghdija huma dawk li jisimghu, imbaghad jigi x-xitan u jahtfilhom il-kelma minn qalbhom, li ma jmorrux jemmnu u jsalvaw' (Lq 8:1l-12).

Ix-xitan minn kollox jaghmel biex **ma** jhalliniex nisimghu u npoggu fil-prattika l-Kelma t'Alla.

- Missier il-midinbin - kull min jidneb, ikun qed isejjah lix-xitan "missier". Id-dnub jaghmilna dipendenti minnu. "Intom gejjin minn missierkom, li hu x-Xitan u x-xewqat ta' missierkom tridu taghmlu" (Gw. 8:44).

- Spirtu impur - hija espressjoni komuni hafna fil-VangeIu. Hekk isejjahlu bhala ezempju, Gesu lix-xitan li hakem lir-ragel ta' Gerasa. Ta' min jinnota li l-kelma "impur" ghal-Lhud kienet tfisser dak kollu li jaqtghek minn Alla; mela kull dnub. Hu impur ukoll dak kollu li jimpedik li tiehu sehem fir-riti taghhom, skond il-ligi ta' Mose. Pietrujsejjah "impuri" l-annimali u tajr lijilmah fil-lizar meta kellu l-vizjoni, hu u jitlob fuq il-bejt. Meta napplikaw dan it-terminu ghax-xitan, bih infissru dak kollu li hu ikrah u dizordinat quddiem Alla.

- Awtur it-tfixkil - Gesu wissa lill-AppostIi joqoghdu attenti biex ma jitfixklux meta hu jmur ghall-Passjoni, u dan it-tfixkil jattribwih lix-xitan:

"Xmun! Xmun! am x-xitan riedkom f'idejh biex jghaddikom mill-gharbiel bhall-qamh;imma Jien tlabt ghalik, biex il-fidi tieghek ma tigix nieqsa" (Lq 22:31).

- ljun jghajjat - hekk isejjahlu l-awtur ta' l-Ewwel Ittra ta' San Pietru (5:8):

"Kunu meqjusa u ghassu! L-ghadu taghkom ix-xitan qisu ljun jghajjat idur u jfittex 'I min se jibla'.

Iqfulu shah fil-fidi"

Nahseb li hadd ma jissogra jghid li din hi esagerazzjoni pedagogika.! Issa' dawn nistghu nzidu t-tahwid minn taht tax-xitan (makkinazzjonijiet (ara 2 Kor 2:11), tfixkil fl-appostolat (ara 1 Tess 4:15}, persekuzzjonijiet (ara Apok 2:10), indhil fil-hwejjeg umani (ara Guda 1:9).

Kif wiehed jista' jara, il-battalja tax-xitan kontrina hija ramifikata ghall-ahhar. Hija glieda ta' kelb ferut kontra kull min jersaq lejh.

## L-Alleati tax-Xitan

Il-battalja bdiet. Ninsabu fil-qalb taghha. Ix-xitan jinsab f'alleanza ta' zewg hbieb intimi tieghu: il-gisem u d-dinja.

Il-gisem - hawn b'gisem nifhmu sinonimu tal-"bniedem il-qadim" li minnu jitkellem San Pawl (Ef4:25), u dik "in-natura mhassra" (ara Rum k.7) imsejha wkoll "gisem tad-dnub" (Rum 8:3). Dan il-gisem facli li jsir priza tax-xitan (ara Ef. 2:5), ghalqa mharbta li fiha jitrabba xewk u gholliq u kull xorta ta' frott tad-dnub (ara Gw.5:77-27).
Il-gisem, kuntrarjament ghal kif halqu Alla, jigi b'dan il-mod strumentalizzat mix-xitan li jgieghlu jidneb (ara Kol 2:18; Ef2:2-3), jizni (ara Kol 3:5), jimxi lejn it-telfin (ara Rum 8:6) u jsir ghadu t'Alla (ara Rum 8:7). Din ir-realta ssib l-espressjoni l-izjed qawwija specjalment fis-seba' vizzji kapitali, li huma s-seba' rjus tal-bhima **ta'** l-Apokalissi (ara Apok 13:1).

Ix-xitan jidhol fil-bniedem u jsir haga wahda mieghu. Gisem il-bniedem isir strument f'idejh - u minghajr ma jnehhi r-responsabbilta tal-persuna - biex igieghlu jikkommetti kull hazen u jmexxih fi triq diversa minn dik ta' Kristu.

Id-Dinja - Din mhix dik id-dinja li Alla tant habb, li baghat '1 Ibnu l-ghaziz biex jifdiha. Hija pjuttost is-saltna tal-bnedmin li fosthom qed isaltan id-dnub, dinja ghadu t'Alla (ara Ef 5:6} u oggett tal-gudizzju tieghu (ara Gw 12:31; 16:8). Hija dik id-dinja mibnija fuq kultura, qawwa u gherf li ghal Alla huma "genn" (ara 1 Kor 3:19). Hija dik id-dinja fejn il-valuri, l-ideat u l-imgiba hi kuntrarja ghal-Ligi ta' Kristu: il-ligi ta' l-imhabba u tal-qdusija (ara 1 Gw 5:21). Bir-ragun kollu, Gesu baghat lil tieghu fid-dinja, imma ma ridhomx ikunu tad-dinja, u talab ghalihom biex ma jiccappsux minnha (ara Gw 17:15).

San Pawl iwissina biex ma niccappsux bil-mentalita tad-dinja (ara Rum 12:2) u San Gwann jghidilna: "Thobbux id-dinja u anqas dak li hemm fina" (1 Gw 2:15).

Huwa facli hafna li nhawdu flimkien.

- il-valuri t'Alla u l-valuri tad-dinja'. tant drabi nihtiegu dixxemiment tajjeb, ghax l-ghadu facilment iqarraq bina.

- L-ideat t'Alla u l-ideat tad-dinja: spiss insibu ruhna quddiem tahwida shiha bejn il-verita u l-izball. Tant drabi x-xitan jipprezentalna nofs veritajiet, bhal fil-kwistjoni tad-divorzju.

- Ix-xejra t'Alla u x-xejra tad-dinja: hafna drabi d-dinja turina xinxilli u ferh Jew paci illuzorja, u ahna nitfixklu quddiem il-qerq taghha.

Bla dubju ta' xejn irridu nkunu b'ghajnejna miftuha,jekk ma rridux li ahna wkoll, f'xi perijodi tal-hajja taghna, insibu ruhna alleati tax-xitan. Mhux ta' min jinsa l-kelma ghaqlija ta' San Gwann:

"Kull ma fiha d-dinja,

jigifieri l-gibda tal-gisem u l-gibda ta' l-ghajnejn

u l-kburija tal-hajja, dan m'huwiex gej mill-Missier, imma mid-dinja"

(1 Gw. 2:16).

**Il-Kamp tal-Battalja**

Ghax-xitan, ghal dawn is-setghat u qawwiet u princpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet (ara Ef6:12), il-kamp tal-battalja hu vast daqskemm hu vast l-ambjent li fih jghix il-bniedem. Kif naraw aktar 'il quddiem, hadd ma jehlisha mill-attakki tieghu: la l-qaddis u lanqas il-midneb, la min hu gewwa s-saltna u lanqas min hu barra.
Hawn ser insemmu pero l-ghelieqi li x-xitan jippreferi l-aktar biex fihom jiggieled lill-bniedem.

L-Ghalqa ta' l-Izball - Giddieb min-natura tieghu, qarrieq, missier kull erezija, kif isejhulu Missirijiet il-Knisja, ix-xitan kontinwament jizra' s-sikrana ta' duttrini foloz, nofs veritajiet, ideat zbaljati, ideologiji perikuluzi; iqanqal diskussjonijiet vojta, ihawwad imhuh it-teologi. Kultant jasal biex jipprezenta ruhu daqslikieku kien "l-anglu tad-dawl" (2 Kor 11:14) biex iqarraq bl-istess maghzulin.

Fuq kollox ihallat il-veru mal-falz, u jpoggi f'dawl isbah l-izball b'ragunamenti mqar biblici.
Fil-massa, irewwah in-nuqqas ta' fidi u d-dubju jirridikola d-duttrina tal-Knisja u t-tradizzjoni taghha. Fuq kollox jizra' kullimkien il-materjalizmu bil-mezzi ta' komunikazzjoni (gazzetti, radio, TV, internet...) biex jimexxilu jxerred xejriet godda atej u ami-kristjani. Ix-xitan hawn jirrepeti t-tattika tieghu ma' Eva: djalogu apparentement innocenti, bi stedina ghall-affermazzjoni shiha tal-personalita tieghek, li jimexxilek biss takkwistaha izjed ma tinqata' minn Alla, li jrid jaghmlek dipendenti minnu!

L-Ghalqa tad-dnub - San Pawl jitkellem car u tond mill-misteru tal-hazen - mysterium iniquitatis - meta jghid: "Tassew li l-misteru tal-hazen ga qieghed jahdem, imma kulma ghandu jigri ma jigrix qabel ma jkun twarrab min-nofs dak li qieghed irazznu" (2 Tess 2:7).

Kien minhabba l-ghira tax-xitan li d-dnub dahal fid-dinja, u hu ghall-attivita immensa tieghu li d-dnub jahkem id-dinja ta' madwama. Tassew li Hum izjed minn qabel jista' jurina tant bliet u pajjizi - kif ghamel ma' Gesu fid-dezert - u jghidilna: "Qed tarahom dawk l-ibliet? Dawk huma tieghi!"

Id-dnub jahkem il-parti l-kbira ta' l-istrutturi socjali taghna:
dnubiet ta' mibeghda, perverzjoni sesswali, vjolenza, ingustizzja... Idhol fil-fabbriki, lukandi, kummerc, tmexxija tal-pajjiz u kull struttura ohra, u ara ssibx, sfortunatament, id-dnub isaltan daqslikieku kien u ghandu jkun in-normalita tal-hajja.

Zewg osservazzjonijiet importanti: mhux f'kull dnub hemm Satana. Bosta dnubiet huma rizultat ta' decizjonijiet li ahna stess niehdu minghajr l-intervent, almenu dirett, tax-xitan.

It-tieni osservazzjoni: l-intervent tax-xitan ma jnehhix ir-responsabbilta minn fuqna ghall-ghemil taghna. Ix-xitan jista' jhajjama biss, imma qatt ma jista' jgeghlna nidinbu. Id-dnub -meta huwa dnub - hu dejjem responsabbilta shiha tal-bniedem.

L-Ghalqa tal-Mard - Kif? Ix-xitan jidhol fil-mard ukoll? 1l-mard taghna hu kawzat mix-xitan?
Hawn ser nidhlu f'kamp fejn irridu noqoghdu attenti hafna biex ma nizbaljawx u ma niftehmux hazin.

Qabel xejn ta' min ifakkar l-istorja ta' Gob, fejn b'intervent dirett tax-xitan, wara li qala' l-permess minghand Alla, ipprova lil Gob b'mard ikrah u gravi.

Fit-testment il-Gdid insibu l-kaz ta' dik il-mara milwija minhabba spirtu ta' nfermita, ghal aktar minn tmintax-il sena (ara Lq 13:16).

Ir-ragel mutu f'Mattew 9:32 kien mahkum minn xitan, u meta Gesu helsu minnu, dan beda jitkellem.

F'Luqa 9:42 l-epilepsija hija attribwita ghall-influwenza demonijaka filwaqt li f'Mattew 12:22 insibu l-istess haga rigward ir-ragel ghama.

Hemm min jghid illi l-awtun tat-Testment il-Gdid jattribwixxu dan il-mard lix-xitan minhabba li ma kellhomx konoxxenza tal-medicina. Filwaqt li nammettu dan in-nuqqas ta' taghrif, pero ta' min jinnota li l-awturi sagri jaghmlu differenza bejn il-mard u l-ezorcizmi.

Ix-xitan huwa mkecci, il-mard huwa mfejjaq (ara Lq 13:32; 4:40s; 9:Is).

Gesu lid-dixxipli jibghathom ifejqu l-morda u jkeccu x-xjaten, zewg azzjonijiet different! minn xulxin.

Ma ninsewx li, wara d-dnub, il-holqien kollu tilef is-shuhija tieghu mill-aspetti kollha. Il-mard u l-mewt dahlu fid-dinja (almenu kif nafuhom ilium) bhala rizultat tad-dnub u l-waqgha ta' l-ewwel bniedem.
Ix-xitan ghaldaqstant japprofitta ruhu u jorbot il-bniedem biex idghajfu dejjem izjed.

Jasal zmien meta allura ma jkunx hawn izjed la dmugh, la tbatija u lanqas mewt (ara Apok 21:4).
Hawn is-salvazzjoni tkun lahqet il-quccata taghha (7). Normalment it-teologi jzommu illi x-xitan ma jistax jikkawza direttament il-mard, imma dan mhux ghaliex mhux fis-setgha tieghu, imma ghaliex Alla ma jippermettix li dan isir.

Il-kaz hu divers fejn jidhol id-dnub. Hawn tidhol ukoll ir-responsabbilta tal-bniedem li jidneb, filwaqt li fil-mard il-bniedem ma jigix mitlub il-kunsens.

Pero -jistaqsi P. La Gma (8) - ahna daqshekk certi li Alla qatt ma jippermetti li x-xitan ikun il-kawza ta' certu mard? L-esperjenza tghallimna illi bosta drabi persuni mahkumin minn maghmul jew sahta, jistghu jsiru l-vittmi ta' marda jew disturb psikiku. Haga wahda hija certa: ukoll jekk inzommu li x-xitan ma jkunx il-kawza diretta ta' dan il-mard, zgur li jintervjeni indirettament fil-kamp tal-mard, sew fiziku kif ukoll izjed u izjed dak psikiku. Ikollna okkazjoni nitkellmu fit-tul dwar dan fi ktieb iehor.

Normalment ix-xitan jimmanipola dak li jsib fil-persuna. Jista' jaggrava marda li tinsab diga fil-persuna jew li l-persuna hi izjed predisposta ghaliha; jista' jimpedixxi l-fejqan jew jirranlentah izjed.

Ix-xitan hafna drabi jidher li jkun prezenti f'mard li medikament ma jispjegax ruhu, u mbaghad jispicca kwazi instantanjament permezz tat-talb. Certament, ma rridux nghidu hawn li kull marda medikament inspjegabbli, hija necessarjament opra tax-xitan; pero hu nteress tax-xitan li lill-persuna jressaqha kemm jista' lejn disperazzjoni, sfiducja, tensjoni, u kultant lejn is-suwicidju. U dan jaghmlu kultant permezz ta' l-indhil tieghu fl-istess sahha fizika jew psikika ta' l-individwu.

Minbarra li hawn wiehed irid ikun prudenti hafna u hafna qabel na jippronunzja ruhu f'kazijiet partikulari, jinhtieg hafna lixxerniment biex wiehed jasal ghal konkluzjoni almenu noralment certa. Minbarra hekk, dan huwa punt li jihtieg wisq
izjed studju.

L-Ghalqa tal-Magija - Il-magija hi bla dubju ta' xejn l-ghalqa tax-xitan.

M'ahniex qed nitkellmu hawn mill-magicians ta' fuq il-palk li joffrulna divertiment onest permezz tal-loghob originali taghhom. Qed nitkellmu hawn minn: okkult, spiritizmu, sharijiet u l-bqija.

Il-prezenza tax-xitan, specjalment fejn tidhol il-magija s-sewda, hija certa. Ir-ritwali li jsiru minn hafna shahar mhumiex hag'ohra hlief talb dirett jew indirett lix-xitan biex dan jaghti l-qawwa li jkunu qed jitolbu. Hija girja wara l-poter, il-karrotta li sikwit ix-xitan joffri lill-"hmir" tieghu.

Bla dubju ta' xejn, bosta fenomeni paranormali (psikometrija, poltergeist, telecinesi) illum facli tispjegahom bil-parapsikologija. Qabel, kollox kien jigi attribwit lix-xitan, ghall-fatt biss li wiehed ma kienx isib spjegazzjoni naturali. Imma llum nafu li certi suggetti jistghu jizviluppaw certi doti naturali, bhalma jigri fis-sensittivi. Inhallu imma dawn il-problemi ghal aktar **'il** quddiem.

Min-naha l-ohra pero ma nistghux nichdu illi diversi fenomeni huma opra tax-xitan, ghaliex min jaghmilhom ikun qed jaghmilhom bil-qawwa tieghu.

U naturalment, ix-xitan ma jaghtik xejn ghal xejn! Il-prezz li jitlob huwa kbir.

U l-ikbar prezz li jitlob hu dak... li jaqtghek minn Alla, billi jik-konvincik li m'ghandekx aktar bzonnu. "Issiru intom ukoll allat"

## Pjan tax-Xitan fuqek?

Il-glieda tax-xitan hija kontrik personalment.

Zmien ilu kont qrajt il-ktieb imsemmi ta' C.S. Lewis The Screwtape Letters. Allura gejt konxju illi x-xitan ghandu pjan ghalija kif jirbahni.

Lewis jirrakkonta f'dan il-ktieb dwar Xitan Prim illi jikteb xi ittri lil xitan iehor li kien jismu Wormwood. Ix-xitan prim kien Screwtape, li permezz ta' dawn l-ittri ried jittrenja lix-xitan siehbu kif juza teknika tajba halli jwaqqa' lill-bnedmin fix-xibka. Lil Wormwood kien assenjat ragel partikulari, certu Ingliz, u Screwtape ried jghallem lill-istudent tieghu kif iwaqqghu.

B'abilita kbira Lewis jurina kif ix-xitan jattakka lil kull bniedem skond l-originalita tieghu billi jwahhallu f'mohhu hsebijiet li jbeghduh minn Alla.

Haga li laqtitni fil-ktieb ta' Lewis hija dik li x-xitan izjed milli jipprova jwaqqa' lill-bniedem fid-dnub jipprova jnissel fih certa suppervja u kburija li tbieghdu minn Alla. Ix-xitan kien qed jiehu gost jara lill-Ingliz isir sufficjenti ghalih innifsu, minghajr ma jhoss izjed il-bzonn ta' Alla. Screwtape ghallem lil Wormwood biex inibbet hsebijiet fil-vittma tieghu li permezz taghhom dan jiddeciedi li fil-hajja ma jservi '1 hadd, ma joqghod taht l-ebda awtorita, u ma jaccetta '1 hadd biex jghallmu, ghax diga jaf kollox. Wormwood kellu jibqa' jinsisti fuq dan sakemm l-Ingliz jasal biex jirribella kontra Alla u kontra kulhadd.

It-taghlima ta' C.S. Lewis hija li x-xitan johloq pjan ghal kull wiehed minna, u jadatta ruhu skond il-karattru taghna u l-ambjent li fih nghixu, biex permezz ta' hsebijiet u ideat li jdahhal f'mohhna, igaghlna nirribellaw kontra Alla.

Tinsab bla sabar? Ix-xitan jimbuttak lejn ir-rabja u r-risen-timenti. Tinsab skuraggut? Ix-xitan jimbuttak lejn id-dipressjoni u moghdrija zejda lejk innifsek. Int kburi u supperv? Ix-xitan igiblek quddiemek sitwazzjonijiet fejn int tkompli tikkonvinci lilek innifsek li int tiswa hafna u int ahjar minn haddiehor.

Jghid bir-ragun kollu San Pawl:

"xi whud jitbieghdu mill-fidi

u jaghtu widen ghal spirti qarrieqa

u ghal taghlim tax-xjaten" (I Tim 4:1).

Bosta jahsbu li dak li jigihom f'mohhhom, jinsab f'mohhom ghax poggihulhom hemm Alla. U ftit jirrealizzaw li hafna hsebijiet li jigu f'mohhna jkunu biss hemm ghax poggihomlna b'tant teknika u kapacita, ix-xitan li hemm idur madwarna.

## X'Setghat ghandu x-Xitan?

Dak kollu li huwa spirtu u mhux materja, ghalina huwa misteru. Ir-raguni hija cara: ahna ghandna esperjenza ta' dak li hu materjali (nistghu mmissuh b'idejna jew inhossuh) u temporali (jezisti fiz-zmien u fl-ispazju). M'ghandniex esperjenza ta' dak li hu spirtu. Id-dinja spiritwali (Alla, angli, xjaten, eternita...) tibqa' dejjem mohbija ghall-intelligenza u l-esperjenza

taghna. Ghaldaqstant mhux dejjem facli li nifhmu s-setghat tax-xitan, li huwa spirtu.

Billi x-xitan huwa spirtu, il-personalita tieghu tesprimi ruhha diversament minn dik tal-bniedem, li hu marbut b'gisem. Ghaldaqstant

- m'ghandhomx ezistenza fizika u lanqas gisem proprju.
- Huma lokalizzati f'post minhabba l-attivita li jkunu qed iwettqu. Mill-bqija mhumiex marbutin ma' post determinat (9).
- Billi huma spirti puri (jigifieri minghajr materja), jesprirnu lilhom infushom mhux b'elementi psikofisici (jigifieri bhala ezempju bil-kliem, bil-hsieb, bil-mess...), kif naghmlu ahna l- bnedmin, imma bl-attivita taghhom stess (10).
- Bejniethom jiddiferixxu ruhhom fil-grad ta' intelligenza li ghandhom u l-qawwa tal-volonta.
- Dan igib b'konsegwenza gerarkija bejniethom sewwa f'dak li hu poter kif ukoll f'dawk li huma setghat. S. Tumas jitkellem minn differenza specifika bejniethom (11).
- Bosta drabi jagixxu flimkien daqslikieku kienu grupp. Waqt l-ezorcizmi sikwit jitkellmu b'lingwagg ta' "ahna", "taghna", "hafna", "legjun". Ghaldaqstant jistghu jagixxu Jew singolannentjew maghqudin nimkien (12).
- Ma jistghux ikunu f'zewg postijiet kontemporanjament, haga li tinghad ukoll ghall-angli, kif jistqarr S. Tumas d'Aquino (13).
- Pero jistghu jagixxu singolarment u separatament fl-istess post.

San Tumas ikompli jispjega kif ix-xitan jista' jagixxi fuq il-materja, ghalkemm hu nnifsu hu spirtu. Huwa jista' jidhol - ghax hu spirtu - fil-materja, imma ma jistax jibdilha sostanzjalment. Jista' pero igorr affarijiet tqal, izommhom fl-arja, ihabbathom flimkien. Jista' bi hwejjeg materjali ohrajn,johloq hsejjes, dwal, vizjonijiet fantasjuzi; jista' jgeghiek tisma' kant u tara dehriet (14).

**Kif Jagixxu fuq il-Bniedem?**

Il-bniedem huwa essri kompost minn ruh u gisem, ghandu hajja fizika, psikika u spiritwali. Kif jista' x-xitan jagixxi fuqu?

Spiritwalment - L-ebda spirtu, intelligenti kemm hu ntelligenti, qawwija kemm hi qawwija r-rieda eccezzjonali tieghu, ma jista' jindahal fil-hajja spiritwali tal-bniedem. Il-hajja spiritwali tieghi tghaqqadni m'Alla u taghmilni ibnu. Issa x-xitan jappartjeni ghan-natura angelika, li hi oghla minn dik tal-bniedem imma inqas minn dik divina. Ghaldaqstant, meta jien inkun maghqud mal-hajja divina t'Alla, permezz tal-grazzja u permezz tal-filjolanza m'Alla, jien insir superjuri ghax-xitan, u f'dan l-aspett ix-xitan m'ghandu l-ebda setgha fuqi.

Ix-xitan huwa essri preternaturali imma mhux soprannaturali.

Il-bniedem huwa essri naturali (min-natura tieghu) u fl-istess hin soprannaturali (bis-sehem man-natura divina), u ghaldaqstant bhala naturali ahna suggetti ghax-xitan u ghall-azzjoni tieghu, imma bhala soprannaturali, ahna mehlusin mill-influss djaboliku.
Anzi... isir hu suggett ghalina!
Ahna nsiru, bil-grazzja, bl-umanita ta' Kristu, bil-Gisem tieghu, u maghqudin attwalment mieghu, izjed qawwijin mix-xitan (15).

Psikikament - Ix-xitan kapaci jaghraf hsebijiet l-izjed intimi taghna, jghid San Tumas (16). Mhux biss, imma jista' wkoll jinfluwenza l-mohh taghna, ihawdilna l-ideat.jghawgilna l-verita u jdallam l-intelligenza.

Jista' wkoll ihajjarna ghall-hazen, billi jqajmilna l-emozzjonijiet taghna, jew idghajjef ir-rieda sal-punt **li** jivvjolentaha, kif jigri hafna drabi fl-ippossessati (17).

Jista' wkoll jimmanipola l-psike umana u johloq b'hekk, stati paranormali (telecinesi, telepatija jew vjaggi barra mill-gisem).

Ix-xitan, dejjem ghaliex huwa spirtu u mbaghad ukoll ghaliex - specjalment jekk nitkellmu minn Satana - huwa hlejqa intelligentissma, kapaci jipproduci fil-bniedem effetti li jiskantawk, fil-percezzjoni (is-setgha li biha wiehed jista' jhoss, jifhem, jaqbad). Dawn jidhru hafna drabi f'certi setghat inspjegabbli xjentifikament li jkollhom certi shahar biex jaghrfu passat, futur, emozzjonijiet ecc. Jista' wkoll jilghab bina billi jgibilna quddiem ghajnejna fantasiji sesswali u kultant ukoll dehriet ta' natura sesswali. Certament, hawn ma rridux nghidu li kulma jigrielna jkun gej mix-xitan; hawn qed nghid biss x'setghat ghandu x-xitan.

Osservazzjoni flokha hafna u importanti hi dik li jaghmel P. La Grua meta jghid illi x-xitan ma jista' jipproduci jew jipprovoka xejn li ma jkunx diga fina jew li ahna ma nkunux diga predisposti ghalih. Mela x-xitan jahdem u jizra' fil-hamrija li jsib, skond kemm jien naghtih cans jew skond kemm jien spiritwalment jew emozzjonalment b'sahhti u naturalment dejjem skond kemm Alla jippermettilu (18).

Hu ghalhekk li s-setgha tax-xitan narawha izjed qawwija f'dawk li huma spiritwalment imbeghdin minn Alla jew psikikament dghajfin. Hafna drabi hu jsib il-punti dghajfin taghna u jahdem fuqhom kif boxer ikompli dejjem iballat fuq il-ferita miftuha ta' l-avversarju tieghu.

Hu importanti wkoll li nzommu quddiem ghajnejna, illi x-xitan ma jista' qatt jidhol fil-komportament morali tieghi.

Biex niftiehmu ahjar, ix-xitan lili jista' joffrili d-dnub, imma ma jista' qatt jikkonstringini naghmlu. Halli niehdu punt prattiku.

Ragel hu ambizzjuz hafna u hsiebu dejjem li, permezz tan-negozju, ikabbar it-tezor tieghu. Ix-xitan jaghraf din id-dghufija, u ghaldaqstant l-ikbar attakk ser ikun hawn. Huwa jigbdu lejn okkazjonijiet fejn ikun jista' jaghmel negozju mahmug li bih jaqla' flus izjed. Ix-xitan ihajru permezz tal-fantasija, immaginazzjoni u l-bqija. S'hawn jista' jasal ix-xitan. Issa jmiss lir-ragel negozjant li jaghzel jekk jaccettax li jidhol f'din ix-xibka jew le. Fi ftit kliem, jinduna li nhobb il-pasti u b'mod jew iehor imexxini lejn il-hanut tal-pasti. Imma issa jmiss lili nikolx jew le il-pasta.

Mela l-liberta li Alla tani, ix-xitan ma jistax jehodhieli. Li kieku ma kienx hekk, konna nistghu nghidu li ahna m'ahniex izjed responsabbli tal-hazin li naghmlu. U dan ikun zbaljat.

Fil-kaz tal-persuna ippossessata, li bhala ezempju tasal biex taghmel atti oxxeni jew tidghi jew tobzoq lill-Ewkaristija, dawn ikunu biss atti esterni, koroh kemm trid, imma ma humiex dnub fil-persuna li qed twettaqhom. Ir-raguni hija cara: jekk persuna hija mgieghla taghmel xi haga kontra l-volonta taghha, hi ma tkunx responsabbli ta' dak li tkun qed taghmel, u ghalhekk hawn ma nkunux nistghu nitkellmu minn dnub. Kull meta d-dnub isir, isir wara ghazla libera. Jekk din l-ghazla ma ssirx, allura lanqas id-dnub ma jkun sar.

Fizikament - Billi n-natura tax-xitan hija pretematurali, huwa ghandu wkoll xi setghat fuq il-hajja vegetattiva u sensittiva tal-bniedem.

Aktar lura ghedna illi x-xitan jista' jaghraf il-hsebijiet intimi tal-bniedem. Imma kif? Dan jista' jaghmlu biss permezz tar-riflessi organici jew sinjali li johorgu mill-bniedem. Biex niftiehmu ahjar, ir-radar jaqbad certi waves li permezz taghhom jinduna li hemm vapur fil-qrib. Ma jkunx qed jara l-vapur, imma jinduna bih minhabba \-waves li r-radar jaqbad. Issa x-xitan m'ghandux setgha jaqbad direttament il-hsebijiet tal-bniedem, imma jinduna bihom konsegwentement ghal sinjali li l-istess bniedem inkonsapevolment ikun qed jaghtih. U billi naturalment ix-xitan huwa spirtu, u spirtu intelligenti, allura facli hafna li jinduna b'dawn il-hsebijiet u x'ikunu dawn il-hsebijiet.

L-istess nghidu rigward il-volonta taghna: huwa ma jistax jidhol fiha direttament, imma indirettament biss. U dan jaghmlu permezz ta' element! psikofizici (attrazzjoni, ingann, ecc.).

Imma fejn jidhol il-gisem, il-haga hija xi ftit diversa. Hawn ix-xitan ghandu certu dominju, u jista' sa jasal li jidhol fl-istess gisem.

Certament, ix-xitan ma jistax "janima" (jidhol daqslikieku jsir ir-ruh) il-gisem, imma jista' biss jezercita fuqu certa setgha dispotika, dejjem skond kemm jippermettilu Alla.

Tibqa' dejjem problema jekk ix-xitan jistax jipprovoka wkoll mard u mewt fl-individwu. Hemm min jghid li dan jista' jaghmlu biss, billi jimmanipola fil-bniedem dghufijiet li diga jinsabu fih. Kif diga ghedna, jista' allura jaggrava l-mard jew itawwal iz-zmien ghall-fejqan. Imma ohrajn jirrakkontaw esperjenzi u jemmnu illi x-xitan, dejjem fil-limiti ta' kemm jippermettilu Alla, jista' wkoll jikkawza mard u mewt. Jibqa' dejjem misteru safejn tasal is-setgha tieghu fuq il-bniedem (19).

**Setgha Illimitata?**

Ghalkemm is-setghat li ghandu x-xitan huma kbar, pero' mhumiex bla limiti. Huma dejjem setghat ta' kreatura, minkejja li tinsab fl-ordni preternaturali.

Bhala ezempju, ix-xitan ma jistax jaghmel mirakli. Huwa Alla biss li jista' jaghmel mirakli, u dawk li lilhom Alla jaghtihom din is-setgha biex jaghmluhom f'ismu. Ix-xitan l-izjed l-izjed jista' jaghmel ghegubijiet (prodigi). B'differenza mill-miraklu, il-prodigju jew ghageb huwa att meraviljuz illi n-natura tista' taghmlu, imma mhux bl-istess mod u zmien kif fil-fatt ix-xitan (jew min hu mqabbad minnu) jaghmlu (20).

Il-miraklu, ghall-kuntrarju jissupera l-forzi kollha tan-natura; hu fatt li johrog kompletament 'il barra mill-istess ordni tan-natura (21).

Allura wiehed jispjega ghaliex certi shahar, f'kuntatt max-xitan, jaghmlu "hwejjeg meraviljuzi" kif il-qaddis f'kuntatt m'Alla jista' jaghmel "mirakli".

Ix-xitan pero mhux kapaci jkun jaf dak li ser jigri fil-futur u li jiddependi mir-rieda t'Alla jew anki tal-bniedem. (Bhala ezempju, hu facli li jkun jaf li se jsir terremot, haga li anki t-tigieg ihossuha qabel majhossha l-bniedem).

Ix-xitan ma jasalx li jkun jaf x'ser jaghmel l-ghada l-ezorcista, u ghaldaqstant mhux possibbli li jaghmillu impedimenti dwar il-pjan li jkun ghamel (22).

Ix-xjaten huma wkoll limitati skond il-kundizzjoni diversa tad-diversi xjaten. Huma ghandhom l-istess gerarkija li kellhom qabel il-waqgha. Fihom hemm ghaldaqstant gradi diversi ta' kapacita, intelligenza, qawwa tal-volonta. Jiddifferixxu fl-ispeci taghhom. Serafin hu differenti minn anglu. Ix-xjaten ma tilfux id-doni naturali taghhom, jghidilna San Tumas (23). Ghalhekk huma jiddifferixxu ruhhom fis-setghat li huma ghandhom.Certament, ninsabu fl-oskur dwar fiex jikkonsistu dawn is-setghat diversi tad-diversi demonji.

Hemm imbaghad ir-rieda t'Alla li tillimita kif trid, kemm trid, meta trid, u lil min trid, is-setghat tax-xjaten. Huma skjavi t'Alla u jaghmlu biss dak li Alla jippermettilhom.

Santu Wistin jghid illi kieku Alla kellu jhallihom jaghmlu dak li jridu, kienu zgur jiddistruggu '1 bniedem (24).

It-taqbida, jikkummenta San Tumas, gejja mix-xitan, imma l-mod tat-taqbida hu biss f'idejn Alla (25). Din il-limitazzjom tidher cara hafna fil-kaz ta' Gob (ara l:Js).

Bir-ragun kollu jghidilna San Pawl:

"S'issa ebda tig rib ma lahaqkom
li l-bniedem ma jiflahx ghalih;
Alla hu fidil,
u ma jhallikomx tiggarrbu aktar milli tifilhu;
jahseb li mat-tigrib jaghtikom il-qawwa u l-ghajnuna biex tkunu
tifilhu ghalih: (1 Kor 10:13).

Certament, li kieku ried, Alla seta' jimpedixxi lix-xitan li jittanta lill-bniedem, imma Alla halla din il-liberta fih precizament ghax b'dan il-mod hu jsir "strument" tal-qdusija tal-bniedem, kif jghid San Gwann Krizostmu (26).

**Attakk fuq il-Fakultajiet tal-Bniedem**

Bhal boxer fuq it-ring, ix-xitan jipprova jferina biex, wara, ikollu fuqna setgha izjed. Diga tkellimna minn diversi attakki li jaghmel fuqna. Naturalment, lilu izjed mill-gisem, jinteressah li jattakka l-fakultajiet taghna (mohh, rieda, memorja, immaginazzjoni, affettivita) u r-ruh taghna (billi jwaqqaghna fid-dnub).

Tkellimna dwar l-attakk fuq il-mohh u r-rieda kif ukoll dwar l-attakk fuq il-gisem. Ser nghidu xi haga issa dwar l-attakk tieghu fuq il-memorja, immaginazzjoni u affettivita.

Il-Memorja - Ix-xitan ihobb jghawwar fil-feriti li jkunu mohbija fis-subkonxju tal-bniedem, feriti li jkunu saru fil-passat u li mbaghad jinhbew. Il-memorja bosta drabi terga' ggibhom fil-wicc u dawn jinfluwenzaw il-prezent. Biex naghti ezempju, persuna tista' tohloq go fiha rabja kbira lejn kulhadd, inkluza lejha stess, meta tiftakar f'incident li jkun gralha meta kienet zghira: abbuz sesswali. Il-hsieb kontinwu ta' dak li gara fil-passat facli johloq stat ta' ansjeta' jew sens ta' htija fil-persuna.

Fil-magguranza tal-kazi, il-persuni jkollhom bzonn ghajnuna psikologika, ghaliex hawn ninsabu normalment quddiem semplici patologija psikika, fejn allura x-xitan ma jkollu x'jaqsam xejn. Imma jinghataw kazijiet fejn ix-xitan japprofitta ruhu minn dawn is-sitwazzjonijiet u jwaqqaf kull fejqan psikologiku fil-persuna. Bosta drabi, il-persuna flimkine mal-psikjatra, tigi meghjuna b'talb ta' fejqan interjuri u f'xi kazijiet b'talba ta' liberazzjoni, biex ix-xitan jitkecca minn dik is-sitwazzjoni u jhalli lill-persuna timxi lejn il-fejqan shih taghha.

L-imaginazzjoni filwaqt li l-memorja tieqaf fuq ir-realta'-ukoll jekk passata - l-immaginazzjoni tieqaf ukoll fuq dak li **hu** irreali. U hawn ix-xitan jiehu gost jilghab bl-immaginazzjoni taghna u jgibilna quddiemna "mirage" ikkulurit ghall-ahhar.

Minhabba immaginazzjonijiet kultant ridikoli, il-bniedem kapaci jagixxi ta' iblah, minkejja li r-raguni tkun kuntrarja. Ninsabu hawn quddiem

allucinazzjonijiet u stat ta' delirju, illi fir-realta nsibuhom f'tant mard newro-psikiku.
Naturalment, huwa biss id-dixxemiment **li** jrid imexxina biex ngharfu jew inkunux ninsabu quddiem persuna psikikament disturbata, jekk inkella jkunx hemm ukoll is-saba' tax-xitan, **li** jiehu gost japprofitta ruhu minn dawn is-sitwazzjonijiet.
Affettivita - Meta din tigi ordnata lejn Alla u minn Alla, allura ssib l-istabbilita taghha. Imma meta nhallu s-sentimenti u l-emozzjonijiet taghna jmexxuna fejn irridu, allura hawn jibda l-gwaj. Ix-xitan facli jiehu vantagg minn din il-fakolta fragli, u jimmanipolaha b'tali mod li jmexxiha lejn is-senswalita u lejn passjonijiet ohrajn negattivi. Id-devjazzjonijiet li tmisshom b'idejk huma anomallji li jfarrku lill-bniedem: perversita, sadizmu masokizmu, ansjetajiet patologici.

Naturalment, anki hawn, bosta drabi, ninsabu biss quddiern problemi psikologici fejn ix-xitan ma jkollux x'jaqsam; imma kultant insibuh ukoll mohbi f'din il-fakolta fragli biex idghajjef il-vittmi tieghu.
Ovvjament, id-distinzjoni bejn il-memorja, l-immaginazzjoni u l-affettivita, qed naghmluha ghal aktar carezza. Normalment ix-xitan jattakkahom it-tlieta f'daqqa, b'enfasi ikbar fuq wahda jew fuq ohra.
Imma, b'liema mod jattakkahom? Kifjista' x-xitan jinfluwenza fil-konkret dawn il-fakultajiet? Normalment dan isir permezz ta' tliet modi diversi:
*Il-Ferita* - Kif diga ghedna, bosta drabi jinholqu go fina feriti minhabba li xi haga fil-passat jew fil-prezent tkun weggghatna. Hawn allura l-memorja, l-immaginazzjoni u l-affettivita jigu milquta u jirrendu r-rapport ma' l-ohrajn u m'Alla izjed difficli. Ix-xitan jiehu gost jghawwar fil-feriti taghna u jinqeda bil-memorja, bl-immaginazzjoni u bl-affettivita. Il-psikoterapija tasal biex issib l-gheruq ta' dawn id-disturbi; imma bosta drabi t-terapija mhix bizzejjed biex tfejjaq il-feriti. Mhix darba u tnejn li tkun it-talba ta' intercessjoni li taghti fejqan effettiv.

*Il-Legatura (rabta)* - Dan hu grad izjed gholi ta' influwenza min-naha tax-xitan. Il-ferita hija izjed fonda. Xi drabi wiehed jinduna hafna wara lijkun hemm legatura fil-persuna min-naha tax-xitan, u normalment tinduna meta tipprova taghmel minn kollox biex tissupera l-problema, u ma jirnexxilekx. Il-persuna thossha marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' l-imghoddi. Ir-rieda mhix izjed libera li tiddeciedi, ghaliex thossha marbuta.

P. La Grua (27) isemmi erba' karatteristici ta' din ir-rabta.

a *Rezistenw ta' ordni spiritwali,* u mhux semplicement psikologika (ghalkemm naturalment, din ir-rezistenza tghaddi minn dak li hu psikologiku u fizjologiku fil-bniedem, li hu unita wahda).

Dan ifisser li l-persuna tibqa' tirrezisti, ukoll ghal zmien twil, nghidu ahna, fidea zbaljata, dubbju persistenti. Ir-raguni tkun cara u kuntrarja, imma l-persuna ma jimexxilhiex tohrog minn din is-sitwazzjoni. U l-gherq ta' kollox ma tkunx kawza psikologika, imma spiritwali, jigifieri interferenza tax-xitan. F'dan il-kaz, l-ebda djalogu mhu ser iholl il-problema, u lanqas l-istess mezzi ordinarji tal-grazzja (bhal nghidu ahna t-talb Jew sagrificcji). Ir-rabta ddallam l-istess fidi u tama. L-ghadu jipprova jmexxi l-persuna vittma, lejn id-disperazzjoni.

b. *Setterjolitd* -jigifieri r-rabta (legatura) tkun f'parti determinata, u mhux fil-personalita kollha. Biex inkunu izjed cari, jista' jkollok persuna eccellenti fejn tidhol il-karita lejn il-proxxmujew bhala evangelizzatricijew fejn tidhol il-purita. Imbaghad thossha - u tkun - marbuta, fejn tidhol, bhala ezempju, il-fidi fl-Ewkaristija. II-vittma tista' tigi mbiukkata mill-ghadu f'parti biss mill-personalitajew mill-hajja spiritwali jew psikologika taghha.

c. *Kompulsivitd* - Il-persuna marbuta hija mbiukkata f'dik iz-zona, minkejja li hi ma tridx. Mela hija mgieghla. Dan jigri bhal meta ma jimexxilhiex tfiq minn ferita tal-passat, ukoll jekk ta' natura inqas gravi, minkejja li tkun fieqet minn hafna ohrajn. Hija rabta li ttelfilha l-vera liberta taghha.

d. *Dinamiimu* - Ir-rabta mhix qieghda hemm, u daqshekk. Ghandha certu process originali fil-persuna. Tikber dejjem izjed, tross u ggib lill-persuna daharha mal-hajt. Huwa bhal meta wiehed isib diffikulta li jimxi sewwa fuq wahda mis-saqajn; qajl qajl jibda jinduna li din qed tipparalizza ruhha sakemm tibda tmut u tikkankra,jekk majihux hsiebha u jsibilha rimedju.

Huma biss meta wiehed jilmah li hemm l-erba' karatteristici tal-legatura li jkun jista' jibda jitkellem minn possibilta ta' legatura spiritwali u mhux ta' semplici problema psikologika.

F'kaz ta' legatura spiritwali, allura jkun hemm bzonn ta' *Talb ta' Liberazzjoni* biex il-persuna tinhall darba ghal dejjem.

Hawn tohrog wehidha l-mistoqsija: imma ghaliex dawn ir-rabtiet? X'inhuma l-kawzi taghhom? X'inhu dak li jmexxi lejhom?

Dejjem skond P. La Grua (28), il-kawzi jistghu jkunu tlieta:

- *Id-Dnub* – F’kull rabta spiritwali, ghandek issib id-dnub, li **ma** jonqos qatt. Rabtiet bhal dawn jistghu jikkawzawhom dnubiet ta' mibeghda persistent!, devjazzjonijiet morali, vizzji tal-loghob, droga, alkohol, tbahrid, ecc.

- *L-Okkult* - huwa kawza ohra komuni hafna ta' rbit spiritwali min-naha tax-xitan. Hawn nitkellmu minn magija, spiritizmu, esoterizmu u l-bqija. Ukoll dawk li jifrekwentaw shahar u *fortunetellers* jew ikollhom hbiberiji intimi ma' persuni bhal dawn, facli li jirriskjaw legaturi spiritwali f'hajjithom.

- *Il-Maghmul* - meta specjalment il-vittma tkun hi li *kolpevolment* tkun qed tistieden lil min jattakkaha bl-imgiba taghha.

Il-legatura Jew rabta tinhall billi wiehed jipprova jsib l-gherq taghha. Meta ssib il-verita kollha u l-kawza tal-legatura, allura wiehed jghaddi biex jaghmel rinunzja, Jew cahda, ta' l-istess legatura. Tant drabi f'kazijiet gravi, tkun necessarja Jew almenu utii l-prezenza tas-sacerdot Jew ezorcista li jaqta' u jkisser bl-awtorita ta' Kristu u tal-Knisja, l-irbit lijkun qed izomm ilsir lill-vittma.

*Infestazzjoni Malinja* - Dan huwa t-tielet mod li x-xitan juza flimkien *ma\-Ferita* u *ma\-Legatura,* biex jinfluwenza l-fakultajiet taghna, specjalment il-memorja, l-immaginazzjoni u l-affettivita.

Imma x'inhi din l-*Infestazzjoni malinja?*
Huwa meta l-vittma mhux biss thossha marbuta, imma thoss ukoll prezenza tghix go fiha u tipprova tmexxiha hi. Hija thoss **li** go fiha hemm xi haga Jew xi hadd barrani li jkun qed imexxiha biex taghmel dak li hi forsi ma tkunx trid taghmel. L-infestazzjoni ggib maghha dalma fl-intellett u dghufija fil-volonta. Spiss il-persuna ssir aggressiva u impulsiva, u bosta drabi tirkibha

certa ansjeta bla raguni. Tigi ta' spiss mahkuma minn dagha Jew hsebijiet oxxeni.
Certament, hawn tinhtieg hafna prudenza u hafna sens ta' dixxerniment biex tasal halli tara car x'ikun qed jigri, u fejn jintemm il-psikologiku u jibda l-ispiritwali. Hu wkoll importanti li wiehed isib l-gherq u l-kawzi ta' dawn id-disturbi, u mbaghad juza t-talb adatt ghal-liberazzjoni. Hafna drabi d-disturb majkunx ta' natura spiritwali imma jkun biss ta' personalita doppjajew ta' suggestjonijiet, fejn allura izjed mill-ezorcistaJidhol il-psikologu Jew il-psikjatra.

## Attivita Straordinarja tax-Xitan

L-attivita tax-xitan nistghu nsejhulha *ordinarja* u *Straordinarja***.**

B'dik ordinarja nifhmu *t-tentaz.z.joni* u *\-oppressjoni.* Dak kollu li ghedna s'issa nistghu ninkluduh fl-attivita ordinarja tax-xitan fuqna. Aktar 'il quddiem nitkellmu izjed mit-tentazzjoni u l-oppressjoni, li Ikoll, min izjed u min inqas, ghandna esperjenza taghha.

Ser naghtu issa xi hjiel dwar l-attivita straordinarja tieghu.

1. *Infestazjoni Lokali* - B'din nifhmu dik l-attivita tax-xitan fuq in-natura inanimata jew animata (renju vegetattiv u sensittiv), biex imbaghad jasal ghall-bniedem, li hu *t-target* principal! tieghu. Mhix l-ewwel darba li l-attakk tax-xitan imur fuq l-annimali jew il-kampanja, fejn wiehed jinnota fenomeni strambi li ma jitfissrux (bhall-mard bla mistenni fl-annimali, incident!, ucuh li jinharqu minghajr kawza cara...). Bla dubju ta' xejn, allahares fkulma jigrielna rridu bilfors inwahhiu fix-xitan; madankollu ma rridux lanqas neskludu minn qabel il-possibilta ta' l-intervent tieghu.

Fenomeni strambi niltaqghu maghhom ukoll fid-djar (hsejjes, riha tinten, insetti bl-eluf...),jew fil-hwienet (nuqqas sostanzjali ta' bejgh minghajr raguni) jew oggetti (karozzi, imhaded li fihom jiffurmaw ruhhom ghoqiedi, pupi).

Naturalment, ghad ikollna cans nitrattaw dwar dan kollu b'izjed dettalji.

Ninnutaw pero illi sa mill-qedem, fl-ewwel sekli tal-Kristjanezmu, il-Knisja kienet taghmel l-ezorcizmu wkoll fuq djar u oggetti, kif jixhed Origene (29).

2. *Vessazjoni* - B'din nifhmu dawk l-attakki esterni li x-xitan jaghmel fuq certi persuni, ukoll jekk dawn ikunu qaddisin. Bihom ix-xitan jipprova jdejjaq, jiddisturba u jiddispra jew ibezza' lill-persuna. Huma maghrufa l-attakki li x-xitan kien iaghmel lil *S. Anton Abbati, il-Kurat t'Ars, S. Pawl tas-Salib, Beatu P. Piju tal-Pjagi* u hafna ohrajn. Huma attakki minn barra, certament xejn pjacevoli ghal min ikun il-vittma taghhom. Sikwit l-ezorcisti jigu, b'mod Jew iehor, attakkati estemament mix-xitan, b'mod dejjem originali.
3. *Possessjoni* - Hawn ghandna l-aghar attakk tax-xitan, meta dan jidhol fil-gisem tal-vittma u jaghmel mill-gisem l-ghamara tieghu. Certament, il-persuna possessata mhix kontinwament taht l-attakk, u lanqas ix-xitan ma jkun fil-gisem kontinwament. Dik pero ssir l-ghamara tieghu, sakemm ma jigix imkecci minn Alla permezz ta' l-ezorcista. Haga bhal din timplika manifestazzjonijiet temporali fejn il-mohh, ir-rieda, il-memorja, l-immaginazzjoni u l-affettivita jigu mblukkati (30).

Nixtiequ ninnutaw illi din it-terminologija m'hijiex universal! fost it-teologi u l-ezorcisti kollha. Kulhadd ghandu terminologija ghalih. Jien qed naghzel din - tentazzjoni u oppressjoni bhala *attivita ordinarja* u infestazzjoni, vessazzjoni u possessjoni bhala *attivita straordinarja* - ghax jidhirli li hi l-izjed semplici u dettaljata.

**Lejn min hi diretta l-Glieda?**

Ix-xitan jaf li hu tellief. Madankollu, il-glieda tkompli. Hu jixtieq jisraq kemm jiflah ulied mis-Saltna, qabel ma t-tmiem tieghu ikun finali (ara *Apok 20:10)*. Ix-xitan irid jibqa' jiddomina fuq persuni, bliet u pajjizi li lesti joqoghdu ghalih.

L-esperjenza tghallimna li ahna ninsabu fi glieda fejn kontinwament irridu naghzlu bejn Alla u x-xitan.

Certament illi dawk li mhumiex fis-Saltna huma priza facli hafna ghax-xitan. Imma l-ikbar rabja tieghu iwaddabha kontra dawk li jinsabu fis-Saltna (ara *Apok 12:17}*. Ulied is-Saltna, permezz ta' hajjithom, qed jaghtu xhieda shiha u certa tat-telfa tax-xitan, u din il-haga ggib rabja u qilla shiha fih. Mhux biss, imma hu jaf li Gesu tahom is-setgha fuqu, u hekk it-telfa ghalih hija izjed umiljanti (ara *Lq 10:17-19)*.
Imma ma rridux ninsew li ahna qed nghixu fil-perjodu bejn Pentekoste u l-Parousia (it-tieni migja ta' Gesu fostna), u ghaldaqstant irridu noqoghdu attenti, ghax tul dan il-perjodu, ix-xitan jista' jizvolgi attivita massicca kontrina (ara *Gw 17:15)*.

Certament, il-Mulej ghadjirritoma biex igib il-milja ta' dik ir-rebha li diga tinsab fostna (ara *Mt 24:44)*.
Forsi issa wiehed jasal biex jifhem ahjar ghaliex in-nisrani hu ttantat izjed minn dak li mhux, u l-qaddis hu ttantat izjed mill-istess midneb.

Dawk li jinsabu gewwa, huma gewwa!
Lix-xitan, mhumiex il-midinbin li jinkwetawh, imma dawk li huma vicin Alla (31).

-----------------------O------------------------